**Bandalni**

Wara xi jum ma jaqta' xejn ta' taħbit
Għajjien kif inkun, niżfen żifnet l-għejja,
Mill-ewwel tiġini f'moħħi qalb il-ħbit
Tbissmitek li iddawwal lil għajnejja.

Il-ħeffa tiegħek man-nota ferħana
Timlieni b'wisq kuraġġ f'nofs it-tbatijiet,
Tfakkarni bil-ġiri fil-magħruf għana
Li ferraħ qalb Franġisku fl-irdumijiet.

Sabiħa int, għax ħafifa, mexxejja,
Tgħanni b'saħħa lill-qawwa wisq ħelliesa,
Tal-kordi, x'ferħ kbir inħoss li jqanqalni.

Ibqa' għaddejja mużika, oqgħod ħdejja
Imsaħli l-għaraq b'surietek melliesa,
Tħallinix wieqaf, issokta bandalni.

Patri Mario Attard OFM Cap
23 ta' Mejju 2024

Iberrikkom Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.